

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1168/2014**tal-31 ta' Ottubru 2014****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 414/2014 li jwassal għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni fuq l-importazzjoni ta' laħam tal-majjal frisk u ffriżat li joriġina mill-Ukraina**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-punti (a), (c) u (d) tal-Artikolu 187 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 374/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ jipprevedi arranġamenti preferenzjali għall-2014 għad-dazji doganali marbuta mal-importazzjoni ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Ukraina. Skont l-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, il-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness III tiegħu għandhom jiġu aċċettati għall-importazzjoni fl-Unjoni fi ħdan il-limiti tal-kwoti tariffarji kif stabbilit f'dak l-Anness.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 414/2014 ⁽³⁾ wassal għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni fuq l-importazzjoni ta' laħam tal-majjal frisk u ffriżat li joriġina mill-Ukraina sal-31 ta' Ottubru 2014.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 374/2014 ġie emendat bir-Regolament (UE) Nru 1150/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾. L-emenda primarjament tipprevedi l-estensjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 374/2014 sal-31 ta' Diċembru 2015 u biex jiġu ffixxati l-kwantitajiet tal-kwoti għall-2015. Għalhekk jixraq li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 414/2014 jiġi emendat.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 414/2014**

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 414/2014 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 2 jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 2***Il-perjodu tal-kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni**

1. Il-kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1) għandhom jinfetħu mill-25 ta' April sal-31 ta' Diċembru 2014 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2015.

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 374/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar it-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq oġġetti li joriġinaw fl-Ukraina (ĠU L 118, 22.4.2014, p. 1).⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 414/2014 tat-23 ta' April 2014 li jwassal għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni fuq l-importazzjoni ta' laħam tal-majjal frisk u ffriżat li joriġina mill-Ukraina (ĠU L 121, 24.4.2014, p. 44).⁽⁴⁾ Regolament (UE) Nru 1150/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 374/2014 dwar it-tnaqqis jew l-eliminazzjoni ta' dazji doganali fuq oġġetti li joriġinaw fl-Ukraina (ĠU L 313, 31.10.2014, p. 1).

2. Il-kwantità stabbilita għall-kwota tariffarja tal-importazzjoni annwali għall-2015 u għal kull numru tas-serje stipulat fl-Anness I għandha tkun maqsuma f'erba' subperjodi, kif ġej:

- (a) 25 % mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu;
- (b) 25 % mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju;
- (c) 25 % mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru;
- (d) 25 % mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru."

(2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

- (a) It-titlu jinbidel b'dan li ġej: "Applikazzjoni għad-drittijiet tal-importazzjoni għall-perjodu tal-kwota 2014"
- (b) fil-paragrafu 8, id-data "il-31 ta' Ottubru 2014" tinbidel bid-data "il-31 ta' Diċembru 2014";

(3) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 3a li ġej:

"Artikolu 3a

Applikazzjonijiet għad-drittijiet tal-importazzjoni għall-perjodu tal-kwota 2015

1. Applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni ma jistgħux jitressqu ħliet matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar qabel kull subperjodu msemmi fl-Artikolu 2(2).

2. Mat-tressiq tal-applikazzjoni għad-drittijiet tal-importazzjoni għandha tiġi ddepożitata garanzija ta' EUR 20 għal kull 100 kilogramma.

3. L-applikanti għad-drittijiet tal-importazzjoni jridu juru li kwantità ta' prodotti tal-laħam tal-majjal li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 0203 tkun ġiet impurtata minnhom jew fisimhom, skont id-dispożizzjonijiet tad-dwana rilevanti, matul il-perjodu ta' 12-il xahar eżatt qabel l-ewwel applikazzjoni tagħhom (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'il-kwantità ta' referenza'). Kumpanija fformata mill-fużjoni ta' kumpaniji li kull waħda minnhom tkun impurtat kwantitajiet ta' referenza, tista' tuża dawk il-kwantitajiet ta' referenza bħala l-bażi għall-applikazzjoni tagħha.

4. Il-kwantità totali koperta minn applikazzjoni għad-drittijiet tal-importazzjoni mressqa fil-perjodu tal-kwota tariffarja fuq l-importazzjoni ma għandhiex taqbeż il-25 % tal-kwantità ta' referenza tal-applikant. L-applikazzjonijiet li ma jħarsux din ir-regola ma jiġux aċċettati mill-awtoritajiet kompetenti.

5. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, sal-14-il jum tax-xahar li fih jitressqu l-applikazzjonijiet, bil-kwantitajiet totali, inklużi prospetti nulli, bl-applikazzjonijiet kollha, espressi f'kilogrammi ta' piż tal-prodott u mqasma skont in-numru tal-ordni.

6. Id-drittijiet tal-importazzjoni għandhom jingħataw mit-23 jum tax-xahar li fihom l-applikazzjonijiet jiġu sottomessi u mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' dak ix-xahar.

7. Jekk l-applikazzjoni tal-koeffiċjent tal-allokazzjoni msemmi fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 tirriżulta fl-allokazzjoni ta' inqas drittijiet tal-importazzjoni milli jkunu tressqu applikazzjonijiet għalihom, il-garanzija ddepożitata skont il-paragrafu 2 għandha tiġi rrilaxxata proporzjonalment, mingħajr dewmien.

8. Id-drittijiet tal-importazzjoni għandhom ikunu validi mill-ewwel jum tas-subperjodu li fih tkun ġiet sottomessal-applikazzjoni, sal-31 ta' Diċembru 2015. Id-drittijiet tal-importazzjoni ma għandhomx ikunu trasferibbli."

(4) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

- (a) it-titlu għandu jinbidel b'dan li ġej: "Ħruġ tal-liċenzji ta' importazzjoni għall-perjodu tal-kwota 2014";
- (b) fil-paragrafu 9, id-data "il-31 ta' Ottubru 2014" tinbidel bil-"31 ta' Diċembru 2014";

(5) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 4a li ġej:

“Artikolu 4a

Ħruġ tal-liċenzji ta' importazzjoni għall-perjodu tal-kwoti 2015

1. Ir-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa tal-kwantitajiet assenjati skont il-kwota tariffarja fuq l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1) għandu jkun suġġett għall-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-importazzjoni.
2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għandhom ikopru l-kwantità totali tad-drittijiet tal-importazzjoni allokati. L-obbligu msemmi fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 (*) għandu jiġi rrispettat.
3. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji jistgħu jittressqu biss fl-Istat Membru fejn l-applikant ikun applika għad-drittijiet tal-importazzjoni skont il-kwota tariffarja fuq l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1) u fejn ikun kisibhom.
4. Fiż-żmien meta tinħareġ il-liċenzja tal-importazzjoni għandha tiġi ddepożitata garanzija ta' EUR 50 għal kull 100 kilogramma mill-operatur. Kull ħruġ ta' liċenzja tal-importazzjoni għandu jirriżulta fi tnaqqis korrispondenti fid-drittijiet tal-importazzjoni li jkunu nkisbu u l-garanzija ddepożitata għad-drittijiet tal-importazzjoni għandha tiġi rrilaxxata proporzjonalment, mingħajr dewmien.
5. Il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jinħarġu mill-operatur li jkun kiseb id-drittijiet tal-importazzjoni, u f'ismu.
6. L-applikazzjonijiet għal-liċenzja għandhom jirreferu għal numru tal-ordni wieħed biss. Jistgħu jikkonċernaw diversi prodotti koperti minn kodiċijiet tan-NM differenti. F'dan il-każ, il-kodiċijiet kollha tan-NM u d-deskrizzjonijiet tagħhom għandhom jiġu indikati fil-kaxxa 15 u 16 tal-applikazzjoni għal-liċenzja u tal-liċenzja stess, rrispettivament.
7. L-applikazzjonijiet għal-liċenzja u l-liċenzji tal-importazzjoni għandhom juru:
 - (a) fil-kaxxa 8, l-isem 'L-Ukraina' bħala l-pajjiż tal-orijini u l-kaxxa 'iva' mmarkata b'salib;
 - (b) fil-kaxxa 20, waħda mill-entrati elenkati fl-Anness II.
8. Kull liċenzja għandha ssemmi l-kwantità għal kull kodiċi tan-NM.
9. Skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom ikunu validi għal 30 jum mid-data proprja li fiha tkun inħarġet il-liċenzja. It-terminu ta' validità tal-liċenzji tal-importazzjoni, madankollu, ma għandux jaqbeż il-31 ta' Diċembru 2015.

(*) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 tal- 11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aġenzji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 18).”

(6) L-Artikolu 5 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 5

Notifiki lill-Kummissjoni għall-perjodu tal-kwoti 2014

1. B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni:
 - (a) sa mhux aktar tard mill-10 ta' Jannar 2015, bil-kwantitajiet tal-prodotti, inklużi d-dikjarazzjonijiet nulli, li għalihom ikunu nħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni fil-perjodu tal-kwota 2014;
 - (b) sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2015, bil-kwantitajiet tal-prodotti, inklużi d-dikjarazzjonijiet nulli, koperti b'liċenzji tal-importazzjoni li ma jkunux intużaw jew li jkunu ntużaw parzjalment u li jikkorrispondu għad-differenza bejn il-kwantitajiet imniżżla fuq in-naħa ta' wara tal-liċenzji tal-importazzjoni u l-kwantitajiet li għalihom ikunu nħarġu.
2. Sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2015, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet tal-prodotti li jkunu ġew irrilaxxati effettivament għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa matul il-perjodu tal-kwota 2014.
3. Fil-każ tan-notifiki msemmija fil-paragrafi 1 u 2, il-kwantità għandha tingħata f'kilogrammi u għandha titqas-sam skont in-numru tal-ordni.”;

(7) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 5 a li ġej:

“Artikolu 5a

Notifiki lill-Kummissjoni għall-perjodu tal-kwoti 2015

1. B’deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-10 jum tax-xahar ta’ wara l-aħħar jum ta’ kull subperjodu, bil-kwantitajiet, inklużi prospetti nulli, koperti mil-liċenzji li jkunu ħarġu matul dak is-subperjodu.

2. B’deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet koperti minn liċenzji tal-importazzjoni mhux użati jew parzjalment użati, u li jikkorrispondu għad-differenza bejn il-kwantitajiet imdaħħla fuq wara tal-liċenzji tal-importazzjoni u l-kwantitajiet li għalihom ikunu nħarġu:

(a) flimkien man-notifiki msemmijin fl-Artikolu 3a(5) ta’ dan ir-Regolament fir-rigward tal-applikazzjonijiet imressqa għall-aħħar subperjodu;

(b) għal kwantitajiet li ma jkunux għadhom ġew innotifikati fiż-żmien tal-ewwel notifika prevista fil-punt (a), sa mhux aktar tard mit-30 ta’ April 2016.

3. Sa mhux aktar tard mit-30 ta’ April 2016, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet tal-prodotti li jkunu ġew irrilaxxati effettivament għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa matul dak il-perjodu tal-kwota.

4. Fil-każ tan-notifiki msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3, il-kwantità għandha tingħata f’kilogrammi ta’ piż tal-prodott u għandha tiqassam skont in-numru tal-ordni.”

(8) L-Anness I għandu jinbidel bit-test fl-Anness ta’ dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada li jġi ppubblikat f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-2 ta’ Novembru 2014.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta’ Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX

"ANNEX I

Irrispettivament mir-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jitqies bħala ta' valur indikattiv biss, minħabba li l-applikabbiltà tal-kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni hja dterminata, fil-kuntest ta' dan l-Anness, mill-ambitu tal-kodiċijiet tan-NM.

Numru tal-ordni	Kodiċijiet tan-NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu ta' importazzjoni	Kwanità f'tunnellati (piż nett)	Dazju applikabbli (EUR/t)
09.4271	0203 11 10	Laħam tal-ħnieżer domestiċi, frisk, imkessaħ jew iffriżat	Sena 2014 Sena 2015	20 000	0
	0203 12 11			20 000	
	0203 12 19				
	0203 19 11				
	0203 19 13				
	0203 19 15				
	0203 19 55				
	0203 19 59				
	0203 21 10				
	0203 22 11				
	0203 22 19				
	0203 29 11				
	0203 29 13				
	0203 29 15				
	0203 29 55				
	0203 29 59				
09.4272	0203 11 10	Laħam tal-ħnieżer domestiċi, frisk, imkessaħ jew iffriżat, minbarra l-qatgħat tal-koxxa, tal-flett u qatgħat mingħajr għadam	Sena 2014 Sena 2015	20 000	0"
	0203 12 19			20 000	
	0203 19 11				
	0203 19 15				
	0203 19 59				
	0203 21 10				
	0203 22 19				
	0203 29 11				
	0203 29 15				
	0203 29 59				